# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 280/15 CSH**

**Schembri & Aloisio Ltd.**

**Vs**

**Total Care Laundry Ltd. (C49375)**

**Illum 28 ta' Ottubru 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici Schembri & Aloisio Ltd. fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Settembru, 2015 fejn l-istess socjeta' talbet lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-kumpanija konvenuta:

Thallas lis-socjeta' esponenti s-somma ta' sitt elef disa' mija w tmienja w tletin Ewro w zewg centezmi (€6938.02) rapprezentanti bilanc fuq servizzi rezi lill-istess socjeta' konvenuta u materjal lilha fornut fuq ordni taghha stess, skond diversi *invoices* lilha mibghuta, liema hlas baqa' ma giex effettwat minkejja illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 134/15 bil-procedura tal-Artikolu 166A tat-30 ta' Jannar, 2015, kif ukoll l-imghaxijiet

kummercjali dovuti skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta' intimata, li r-rapprezentanti taghha, partikolarment Christopher Aquilina, huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi is-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Connie Pullicino datata 29 ta' Settembru, 2015 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta kif moghti fir-rikors promotur (fol. 5).

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2015 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma deheritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta Kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-21 ta' Ottubru 2015.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2015 is-socjeta' konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef disa' mija w tmienja w tletin Ewro w zewg centezmi (€6,938.02).**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 134/15 bil-procedura tal-Artikolu 166A tat-30 ta' Jannar, 2015, kif ukoll bl-imghaxijiet**

**kummercjali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta' konvenuta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**